

V

(Avviżi)

**PROCÉDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8059 — Investindustrial/Black Diamond/Polynt/Reichhold)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 96/05)

1. Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha l-fondi affiljati ma' Investindustrial, permezz ta' Global Chemicals SARL ("Investindustrial", il-Lussemburgu), u l-fondi affiljati ma' Black Diamond Capital Management LLC. ("Black Diamond", l-Istati Uniti tal-Amerika) jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien il-kontroll kongħut tal-Polynt Group ("Polynt", l-Italja) u tar-Reichhold Group ("Reichhold", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' ishma. L-istess konċentrazzjoni ġiet innotifikata lill-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2016, iżda susseġwentement irtirata fl-24 ta' Novembru 2016.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Polynt: L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kimiki ta' speċjalità u kimiċi ta' prestazzjoni. B'mod partikolari, Polynt hija attiva fil-produzzjoni tal-UPR, ta' intermedji kimiċi (anidridi), komoditajiet relatati (plastifikanti), u speċjalitajiet (thermoset compounds);
- Reichhold: Il-manifattura u l-provvista ta' reżini użati fil-komposti u l-kisi;
- Investindustrial: Kumpnija azzjonarjua għall-akkwist u l-ġestjoni ta' parteċipazzjonijiet f'kumpaniji oħra;
- Black Diamond: Ditta ta' konsulenza għall-investiment b'enfasi fuq erba' oqsma ta' investiment: (i) fondi f'diffikultajiet kontrollati/fondi ta' ekwitā privata; (ii) fondi hedge; (iii) fondi mezzana u obbligi ta' self kollaterilizzat; u (iv) vetturi strutturati oħrajn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8059 — Investindustrial/Black Diamond/Polynt/Reichhold, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

^(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).